



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Frar 2015 —

Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-296/14 P)¹

“Appell — Għajjnuna mill-Istat — Self mingħajr interessi, flimkien ma' garanzija tal-Istat, mogħti mill-awtoritajiet Griegi lill-operaturi fis-settur taċ-ċereali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Rikors manifestament inammissibbli u manifestament infondat”

1. *Appell — Aggravji — Aggravji manifestament inammissibbli jew manifestament infondati — Ċaħda f'kull mument, permezz ta' digriet motivat, mingħajr proċedura orali (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 181) (ara l-punt 22)*
2. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punt 32)*
3. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Evalwazzjoni skont il-kriterju ta' kundizzjonijiet normali tas-suq (Artikolu 107(1) TFUE) (ara l-punt 34)*
4. *Appell — Aggravji — Sempliċi repetizzjoni tal-motivi u tal-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali — Inammissibbiltà (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 169(2)) (ara l-punti 42, 43)*

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

¹ — ĠU C 253, 4.8.2014.